# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 29 ta' Mejju 2002**

**Numru 1**

**Avviz numru 1064/00mm**

**Micallef Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta' assikuratrici estera Independent Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Saliba sia bil-polza sia bil-ligi u l-istess Joseph Saliba**

**vs**

1. **Patrick Fenech**
2. **Paul Zammit**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elf lira Maltija (Lm1,000) jew kull somma verjuri ohra li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni kagunati mill-konvenuti jew min

minnhom, nhar it-23 ta’ Novembru, 1998, f’Independence Avenue, Mosta meta l-konvenuti filwaqt illi kienu qed isuqu, l-konvenut Patrick Fenech vettura CAE-594 u l-konvenut Paul Zammit vettura IBB-708, ikkagunaw kollizjoni bejnithom li fiha vettura CAI-023 ta’ l-attur Joseph Saliba li kienet ipparkjata sfat mahbuta, in kwantu ghal disa’ mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm958) danni kagunati fil-vettura ta' l-attur u ghal liema kellha taghmel fronti s-socjeta' assiguratrici attrici in forza ta' polza ta' assikurazzjoni "comprehensive” u ghal liema tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi, u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm42) “bhala loss of use” sofferti mill-attur prevja d-dikjarazzjoni ta’ reponsabbilta’ unika tal-konvenuti jew min minnhom ghall-istess incident.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsulti (Lm10), ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Marzu, 1999, ta’ l-ittra ufficjali datata Settembru, 1999, ipprezentata kontestwalment kontra s-socjetajiet assikuratrici tal-konvenuti u bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-23 ta’ Mejju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidament.

Anthony Zammit
Dep Reg